

Dan id-dokument għe magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

► **B**

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-21 ta' Ġunju 2007

li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti ta' l-ekotikketta Komunitarja għas-spapen, *shampoos* u *conditioners* tax-xagħar

(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 3127)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2007/506/KE)

(ĠU L 186, 18.7.2007, p. 36)

Emendata minn:

Ġurnal Uffiċjali

		Nru	Paġna	Data
► M1	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/888/KE tat-30 ta' Novembru 2009	L 318	43	4.12.2009
► M2	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/740/UE tal-14 ta' Novembru 2011	L 297	64	16.11.2011
► M3	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/135/UE tal-15 ta' Marzu 2013	L 75	34	19.3.2013
► M4	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/793/UE tad-19 ta' Diċembru 2013	L 349	104	21.12.2013



DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-21 ta' Ġunju 2007

li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti ta' l-ekotikketta Komunitarja għas-spapen, *shampoos* u *conditioners* tax-xagħar

(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 3127)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2007/506/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1980/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2000 dwar skema riveduta għall-għoti ta' l-ekotikketta Komunitarja⁽¹⁾, u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 6 (1) tiegħu,

Wara li kkonsultat mal-Bord tat-Tikkettar Ekoloġiku ta' l-Unjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Skond ir-Regolament tal-Komunità (KE) Nru 1980/2000 l-ekotikketta Komunitarja tista' tingħata lil prodott li jippossiedi karatteristiċi li jippermettulu li jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għal titjib f'dak li għandu x'jaqsam ma' aspetti ambjentali ewlenin.
- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 1980/2000 jipprevedi li kriterji speċifiċi għall-ekotikketti, stabbiliti fuq bażi ta' abbozz ta' kriterji mħejji mill-Bord tat-Tikkettar Ekoloġiku ta' l-Unjoni Ewropea, għandhom jiġu stabbiliti skond il-gruppi ta' prodotti.
- (3) Il-kriterji ekoloġiċi, kif ukoll ir-rekwiżiti ta' valutazzjoni u verifika relatati, għandhom ikunu validi għal perjodu ta' tliet snin.
- (4) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Komitat imwaqqaf bl-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1980/2000,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-grupp ta' prodotti "spapen, *shampoos* u *conditioners* tax-xagħar" għandu jinkludi kwalunkwe sustanzi u preparazzjonijiet li jistgħu jitneħħew bit-tlaħliħ wara l-użu u li huma maħsuba biex jintużaw b'kuntatt mal-ġilda u mas-sistema tax-xagħar bl-għan esklussiv, jew prinċipali, li jnaddafhom. Dan il-grupp ta' prodotti għandu jinkludi kwalunkwe sustanzi u preparazzjonijiet li jistgħu jitneħħew bit-tlaħliħ wara l-użu u li huma maħsuba li jintużaw b'kuntatt mal-ġilda u mas-sistema tax-xagħar bl-għan li jtejbu l-kundizzjoni tax-xagħar (*conditioners* tax-xagħar).

Il-grupp ta' prodotti għandu jinkludi l-prodotti għal użu personali kif ukoll dawk għal użu professjonali.

Il-grupp ta' prodotti ma għandux jinkludi l-prodotti li jinbiegħu speċifikament bħala diżinfettanti jew sustanzi għal kontra l-batterji.

⁽¹⁾ ĠU L 237, 21.9.2000, p. 1.

▼B*Artikolu 2*

(1) Sabiex jingħata l-ekotikketta Komunitarja għal spapen, *shampoos* u *conditioners*, skond ir-Regolament (KE) Nru 1980/2000, prodott għandu jaqa' fil-grupp ta' prodotti "spapen, *shampoos* u *conditioners* tax-xagħar" u għandu jikkonforma mal-kriterji ekoloġiċi stabbiliti fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

(2) Din id-Deċiżjoni għandha tkun tgħodd mingħajr preġudizzju għad-Direttiva tal-Kunsill 76/768/KEE tas-27 ta' Lulju 1976 dwar l-applikazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-prodotti kożmetiċi ⁽¹⁾.

Artikolu 3

Għal għanijiet amministrattivi in-numru tal-kodiċi tal-grupp tal-prodotti assenjat lil dan il-grupp ta' prodotti għandu jkun "29".

▼M4*Artikolu 4*

Il-kriterji ekoloġiċi għall-grupp ta' prodotti "spapen, xampus u *conditioners* tax-xagħar" kif ukoll ir-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati għandhom jibqgħu validi sal-31 ta' Diċembru 2014.

▼B*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

⁽¹⁾ ĠU L 262, 27.9.1976, p. 169. Id-Direttiva kif emendata bid-Direttiva 2007/22/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 101, 18.4.2007, p. 11).



ANNEX

QAFAS

L-għanijiet tal-kriterji

Dawn il-kriterji jimmiraw b'mod partikolari li jippromwovu:

- it-tnaqqis fit-tniġġis ta' l-ilma billi jiġu limitati l-użu ta' ingredjenti li jistgħu jagħmlu ħsara u l-kontenut tossiku totali fil-prodotti.
- it-tnaqqis ta' produzzjoni ta' skart billi jitnaqqas l-ammont ta' ppakkeġġar.
- it-tnaqqis jew prevenzjoni ta' riskji potenzjali għall-ambjent relatati ma' l-użu ta' sustanzi perikolużi.

Barra minn hekk, il-kriterji jtejbju l-għarfien ambjentali tal-konsumaturi. Il-kriterji huma ffissati f'livelli li jippromwovu t-tikkettar ta' spapen u *shampoos* li jkollhom impatt ambjentali aktar baxx minn dak medju fis-suq.

Ir-rekwiżiti tal-valutazzjoni u verifika

Ir-rekwiżiti speċifiċi tal-valutazzjoni u verifika huma indikati għal kull wieħed mill-kriterji ekoloġiċi aktar 'il quddiem f'dan l-Anness.

Fejn xieraq, il-metodi ta' ttestjar differenti minn dawk indikati għal kull kriterju jistgħu jintużaw jekk il-Korp Kompetenti li jeżamina l-applikazzjoni jaċċetta l-ekwivalenza tagħhom.

Fejn possibbli, l-ittestjar għandu jitwettaq minn laboratorji li jikkonformaw mar-rekwiżiti ġenerali ta' l-EN OSI 17025 jew ekwivalenti.

Meta t-testijiet ma jissemmewx, jew meta jissemma li t-testijiet se jintużaw għall-fini ta' verifika jew monitoraġġ, il-Korpi Kompetenti għandhom joqogħdu, skond ma jkun il-każ, fuq id-dikjarazzjonijiet u dokumentazzjoni li jipprovvdilhom l-applikant u/jew fuq verifiki indipendenti.

Fejn xieraq, il-Korpi Kompetenti jistgħu jeħtieġu dokumentazzjoni ta' sostenn u jistgħu jwettqu verifiki indipendenti, fosthom żjarat fuq il-post fejn issir il-produzzjoni.

Meta l-applikant ikun obligat li jipprovdi dikjarazzjonijiet, dokumentazzjoni, rapporti tat-testijiet, jew xi evidenza oħra biex juri l-konformità mal-kriterji, huwa miftiehem li dawn jistgħu joriġinaw mill-applikant u/jew il-fornitur(i) tiegħu u/jew il-fornitur(i) tagħhom, eċċetra, kif xieraq.

Fejn ikun hemm referenza għall-ingredjenti, din tinkludi sustanzi u preparazzjonijiet.

It-test jirreferi għad-*Database* ta' Ingredjenti ta' Deterġenti (lista DID), li tinkludi ħafna mill-ingredjenti li jintużaw l-aktar fil-formulazzjonijiet tas-spapen u *shampoos*. Il-Parti A tal-lista DID għandha tintuża biex tinkiseb id-*data* għall-kalkoli ta' CDV u għall-istima tal-bijodegradibbiltà tas-*surfactants*. L-applikanti jistgħu biss jippreżentaw id-*data* tagħhom meta l-lista ma turi ebda valur, għajr fil-każ ta' fwejjaħ (inkluż addittivi bijoloġiċi) u żebġha.

Fir-rigward ta' l-ingredjenti li mhumiex inklużi fil-Parti A tal-lista DID, l-applikant għandu, fir-responsabbiltà tiegħu, japplika l-proċedura deskritta fil-Parti B tal-lista DID.

Għandha tintuża l-lista DID li tkun l-aktar aġġornata f'dak iż-żmien, u li tkun disponibbli mingħand il-Korp Kompetenti li jkun qed jipproċessa l-applikazzjoni. Il-lista tista' tinkiseb ukoll minn fuq din il-websajt: http://ec.europa.eu/environment/ecolabel/product/pg_did_list_en.htm.

Għall-ingredjenti li m'humiex elenkati fil-lista DID, l-applikant jista' juża l-proċedura biex jipprovdi d-dokumentazzjoni meħtieġa ta' bijodegradibbiltà anero-bika deskritta fl-Appendiċi II.

▼B

Għall-fini ta' dawn il-kriterji, “*surfactant*” tfisser kwalunkwe sustanza organika u/jew preparazzjoni li tintuża fid-deterġenti, li għandha proprjetajiet attivi fil-wiċċ (i.e. f'kuntatt ma' wiċċ l-ilma) (*surface-active*) u li tikkonsisti minn grupp(i) idrofobiku/ci ta' tali natura u daqs li jippermettu t-tnaqqis tat-tensjoni tal-wiċċ ta' l-ilma (*surface tension*), il-formazzjoni ta' monostrati fil-wiċċ komuni bejn l-ilma u l-arja li kapaċi jifirxu jew jassorbu, il-formazzjoni ta' emulsjonijiet u/jew mikroemulsjonijiet u/jew *micelles* (grupp ta' molekuli), u l-assorbiment fil-wiċċ komuni bejn l-ilma u solidi.

Il-Korpi Kompetenti, huma rrakkomandati li jieħdu in konsiderazzjoni l-implimentazzjoni ta' l-iskemi ta' ġestjoni ambjentali rikonossuti, bħall-EMAS jew ISO 14001, waqt li jeżaminaw l-applikazzjonijiet u jimmonitorjaw il-konformità mal-kriterji ta' dan l-Anness.

(Nota: Sabiex wieħed japplika għall-ekotikketta jew biex jikkonforma mal-kriterji ta' l-ekotikketta, mhix meħtieġa l-implimentazzjoni ta' skemi ta' ġestjoni tali.)

UNITÀ FUNZJONALI

L-unità Funzjonali hija 1 gramm ta' “Kontenut Attiv (AC – *Active Content*)”. AC huwa definit bħala l-piż ta' l-ingredjenti organiċi fil-prodott. Dan għandu jiġi kkalkolat abbażi tal-formulazzjoni kompleta tal-prodott. F'dan il-kalkolu, ma jitqiesux l-aġenti ta' l-għarik/brix preżenti fil-prodotti għall-ħasil ta' l-idejn.

Il-valutazzjoni u verifika:

Għandha tiġi pprovduta din l-informazzjoni:

- Deskrizzjoni teknika tal-kontenut tal-prodott (formulazzjoni kompleta), inkluż il-kontaminanti identifikati. Fid-deskrizzjoni għandhom ikunu speċifikati l-kwantitajiet, in-numru CAS u d-denominazzjonijiet INCI.
- Deskrizzjoni tal-funzjoni ta' kull ingredjent tal-prodott u ta' l-għan li għalih ġie miżjud dak il-komponent.
- Skeda/i tad-data dwar is-sikurezza/Prodott bl-ismijiet tal-fornituri ta' l-ingredjenti kollha.

KRITERJI EKOLOĠIĊI

1. Tossiċità għall-organiżmi akkwatiċi

Il-volum kritiku ta' *dilution* tossika (CDV – Critical Dilution Volume toxicity) huwa kkalkolat għal kull ingredjent (i) u għall-prodott sħiħ permezz ta' din l-ekwazzjoni:

$$CDV(\text{ingredjent } i) = \text{piż } (i) \times DF(i) \times 1\,000/TF \text{ kroniku } (i)$$

$$CDV = \Sigma CDV(\text{ingredjent } i)$$

fejn il-piż (i) huwa l-piż ta' l-ingredjent (fi grammi) għal kull unità funzjonali. DF (i) huwa l-fattur ta' degradazzjoni u TF kroniku (i) huwa l-fattur ta' tossiċità ta' l-ingredjent (f' milligrammi/litru).

Il-valuri tad-DF u tat-TF kroniku għandhom ikunu bħal daww elenkati fil-Parti A tal-lista tad-*Database* ta' Ingredjenti ta' Deterġenti (lista DID – Parti A). Jekk l-ingredjent ikkonċernat mhux inkluż fil-parti A tal-lista DID, l-applikant għandu jikkalkula dawn il-valuri billi jsegwi l-proċedura deskritta fil-Parti B tal-lista DID. Iċ-CDV tal-prodott hija s-somma totali taċ-CDV(tox) ta' kull ingredjent.

Iċ-CDV totali tal-prodott ma għandhiex tkun oġhla minn dawn il-valuri:

Shampoo, prodotti li jintużaw fil-ħasil taħt id-doċċa u spajen likwidi: 20 000 l/g AC

Sapun solidu: 3 500 l/g AC

Conditioner: 30 000 l/g AC

▼B***Il-valutazzjoni u verifika:***

Għandha tingħata l-formulazzjoni eżatta tal-prodott. U barra minn hekk, id-deskrizzjoni kimika eżatta ta' l-ingredjenti (pereżempju, identifikazzjoni skond nomenklatura IUPAC, numru tas-SAC (Cas-no), nomenklatura INCI, purità, tip u perċentwali ta' impuritajiet, addittivi; għal taħlitiet, pereżempju surfactants: In-numru DID, il-kompożizzjoni u l-ispektrum tad-distribuzzjoni ta' homologues, isomeri u ismijiet kummerċjali).

Għandhom jingħataw kopji ta' l-iskeda tad-Data dwar is-Sikurezza tal-Materjal għall-ingredjenti kollha.

Il-kalkolu tas-CDV u r-riżultat tiegħu għandhom jingħataw fid-dettall. Għandu jingħata n-numru xieraq ta' l-ingredjenti kollha li jidhru fil-lista DID. Fil-każ ta' l-ingredjenti li ma humiex inklużi fil-lista DID, għandhom jiġu ppreżentati l-metodi ta' ttestjar għall-ekotossiċità (effetti fit-tul (data NOEC) fuq il-ħut, *Daphnia magna*, u algi), bijodigradazzjoni u bjoakkumulazzjoni flimkien mar-riżultati tagħhom. Ir-referenzi għat-testijiet rilevanti għandhom ikunu l-Annessi xierqa tad-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE ⁽¹⁾.

2. Prodotti li jagħmlu ħsara lill-ambjent

Il-prodott ma għandux jissodisfa r-rekwiżiti ta' klassifikazzjoni għal kwalunkwe waħda minn dawn il-frazzjonijiet ta' riskju tad-Direttiva 67/548/KEE:

$$N, R_{50/53}: (W_{R_{50/53}/25} \%) \geq 1$$

$$N, R_{51/53}: ((W_{R_{50/53}/2.5} \%) + (W_{R_{51/53}/25} \%)) \geq 1$$

$$R_{52/53}: ((W_{R_{50/53}/0.25} \%) + (W_{R_{51/53}/2.5} \%) + (W_{R_{52/53}/25} \%)) \geq 1$$

$W_{R_{50/53}}$ = Il-perċentwali skond il-piż ta' l-ingredjenti li jistgħu jiġu kklassifikati bħala R50/53.

$W_{R_{51/53}}$ = Il-perċentwali skond il-piż ta' l-ingredjenti li jistgħu jiġu kklassifikati bħala R51/53.

$W_{R_{52/53}}$ = Il-perċentwali skond il-piż ta' l-ingredjenti li jistgħu jiġu kklassifikati bħala R52/53.

Ma jitqiesux l-aġenti ta' l-għarik/brix preżenti fil-prodotti għall-ħasil ta' l-idejn.

Il-valutazzjoni u verifika:

Għandhom jingħataw ir-riżultati tat-testijiet għat-tossiċità ta' l-ilma u l-bijodigradazzjoni ta' l-ingredjenti kkonċernati, liema testijiet ikunu saru skond il-metodi deskritti fil-Parti 2, metodi ta' ttestjar, tad-Direttiva 67/548/KEE. Ir-riżultati ta' tossiċità mill-lista DID ma jistgħux jintużaw għaliex huma valuri medji u mhumiex konformi mad-Direttiva 67/548/KEE.

Jekk il-valur l-aktar baxx tat-tossiċità jkun ≤ 10 mg/l, allura jkollhom jingħataw ir-riżultati tat-testijiet għall-bjoakkumulazzjoni potenzjali (fattur tal-Bijokonċentrazzjoni (BCF) jew $\log K_{ow}$). Jekk ma jkunx hemm riżultati disponibbli, l-ingredjent jitqies bħala R 50/53. Japplikaw l-eċċezzjonijiet li ġejjin:

Fwejjaħ u żebgħat: R 51/53.

Addittivi bijoloġiċi, i.e. estratti veġetali u ingredjenti oħra estratti minn pjanti jew animali u bi ftit jew mingħajr alterazzjoni kimika: R 51/53.

Għandu jitqies kwalunkwe ingredjent (sustanzi jew preparazzjonijiet) li l-konċentrazzjoni tiegħu tkun ogħla minn 0.010 % skond il-piż tal-prodott finali, indipendentament minn jekk intużax fil-formalazzjoni bħala sustanza individwali jew bħala element konstitwenti tal-preparazzjoni. Dan japplika wkoll għal kull ingredjent ta' kwalunkwe preparazzjoni użat fil-formulazzjoni li jeċċedi 0.010 % skond il-piż tal-prodott finali.

⁽¹⁾ ĠU 196, 16.8.1967, p. 1-98.



3. Bijodegradabbiltà Aerobika

a) *Bijodegradabbiltà aerobika tas-surfactants*

Kull *surfactant* użat fil-prodott għandu jkun faċilment bijodegradabbli.

Il-valutazzjoni u verifika:

Il-Korp Kompetenti għandu jingħata l-formulazzjoni eżatta tal-prodott, kif ukoll deskrizzjoni tal-funzjoni ta' kull ingredjent.

Il-Parti A tal-lista DID tindika jekk xi *surfactant* speċifiku jkunx aerobikament bijodegradabbli jew le (is-*surfactants* li huma kklassifikati "R" fil-kolonna dwar il-bijodegradabbiltà aerobika huma faċilment bijodegradabbli). Għal *surfactants* li m'humiex inklużi fil-Parti A tal-lista DID, għandha tingħata l-informazzjoni rilevanti minn dokumentazzjoni xjentifika jew sorsi oħra, jew ir-riżultati ta' testijiet xierqa, li juru li dawk is-*surfactants* huma aerobikament bijodegradabbli. It-testijiet għall-bijodegradabbiltà faċli għandhom ikunu dawk indikati fir-Regolament (KE) Nru 648/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁾.

Is-*surfactants* għandhom jitqiesu bħala faċilment bijodegradabbli jekk il-livell ta' bijodegradabbiltà (mineralizzazzjoni) mkejjel skond wieħed minn dawn il-ħames testijiet ta' hawn taħt ikun ta' l-anqas 60 % fi żmien 28 jum: CO₂ headspace test (OECD 310), Carbon dioxide (CO₂) Evolution Modified Sturm test (OECD 301B; Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE Anness V.C.4-C), Closed Bottle test (OECD 301D; Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE Anness V.C.4-E), Manometric Respirometry (OECD 301F; Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE Anness V.C.4-D), jew MITI (I) test (OECD 301C; Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE Anness V.C.4-D), jew testijiet ISO li jkunu ekwivalenti għalihom. Skond ma jkunu l-karatteristiċi fiżiċi tas-*surfactant*, jista' jintuża xi wieħed minn dawn it-testijiet sabiex jikkonferma l-bijodegradabbiltà faċli, jekk il-livell ta' bijodegradabbiltà jkun ta' l-anqas 70 % fi żmien 28 jum: Dissolved Organic Carbon DOC Die-Away (OECD 301A; Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE Anness V.C.4-A) jew Modified OECD Screening DOC Die-Away (OECD 301E, Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE Anness V.C.4-B), jew testijiet ISO li jkunu ekwivalenti għalihom. L-applikabbiltà tal-metodi ta' ttestjar imsejsa fuq il-kejl ta' karbonju organiku maħlul (dissolved organic carbon) għandha tkun ġustifikata kif xieraq kif stipulat fir-Regolament (KE) Nru 648/2004.

Għandhom jitqiesu l-ingredjenti kollha (sustanzi u preparazzjonijiet) li jkollhom aktar minn 0.010 % skond il-piż tal-prodott finali. Dan jinkludi wkoll kull ingredjent ta' kwalunkwe preparazzjoni użat fil-formulazzjoni li jeċċedi 0.010 % skond il-piż tal-prodott finali.

b) *Bijodegradabbiltà aerobika ta' non-surfactants (aNBDO_{non-surf})*

Il-kontenut ta' ingredjenti li mhumiex faċilment bijodegradabbli (jew li ma ġewx ittestjati għall-bijodegradabbiltà aerobika) ma għandux ikun ogħla minn dawn il-livelli:

Shampoo, prodotti li jintużaw fil-ħasil taħt id-doċċa u spapen likwidi: 30 mg/g AC

Sapun solidu: 15 mg/g AC

Conditioner: 50 mg/g AC

Ma jitqiesux l-aġenti ta' l-għarik/brix preżenti fil-prodotti għall-ħasil ta' l-idejn.

Għandhom jitqiesu l-ingredjenti kollha (sustanzi u preparazzjonijiet) li jkollhom aktar minn 0.010 % skond il-piż tal-prodott finali. Dan jinkludi wkoll kull ingredjent ta' kwalunkwe preparazzjoni użat fil-formulazzjoni li jeċċedi 0.010 % skond il-piż tal-prodott finali.

⁽¹⁾ ĠU L 104, 8.4.2004, p. 1-35.

▼B***Il-valutazzjoni u verifika:***

L-istess bħal fil-każ tar-rekwiżit 3 a).

4. Bijodegradabbiltà Anerobika (anNBDO_{tox})

Il-kontenut ta' ingredjenti li mhumiex degradabbli anerobikament (jew li ma għewx ittestjati għall-bijodegradabbiltà anerobika) u li l-valur l-aktar baxx ta' tossiċità akuta LC₅₀ jew EC₅₀ tagħhom huwa anqas minn 100 mg/l (l-istess bħal-limitu ta' klassifika għall-R52 fid-Direttiva 67/548/KEE) ma għandux ikun ogħla minn dawn il-livelli:

Shampoo, prodotti li jintużaw fil-ħasil taħt id-doċċa u spapen likwidi: 25 mg/g AC

Sapun solidu: 15 mg/g AC

Conditioner: 50 mg/g AC

Ma jitqiesux l-aġenti ta' l-għarik/brix preżenti fil-prodotti għall-ħasil ta' l-idejn.

Il-valutazzjoni u verifika:

Il-Parti A tal-lista DID tindika jekk xi ingredjent speċifiku jkunx anerobikament bijodigradabbli jew le (is-surfactants li huma kklassifikati "Y" fil-kolonna dwar il-bijodegradabbiltà anerobika huma bijodigradabbli f'kundizzjonijiet anerobiċi). Għal ingredjenti li m'humiex inklużi fil-Parti A tal-lista DID jew li huma inklużi u kklassifikati "O", għandha tingħata l-informazzjoni rilevanti minn dokumentazzjoni xjentifika jew sorsi oħra, jew ir-riżultati ta' testijiet xierqa, li juru li daww l-ingredjenti huma anerobikament bijodigradabbli. It-test ta' referenza għal-bijodegradabbiltà anerobika għandu jkun OECD 311, ISO 11734, ECETOC Nru 28 (Ġunju 1988) jew metodu ta' ttestjar ekwivalenti, bil-ħtieġa ta' minimu ta' 60 % bijodegradabbiltà aħħarija taħt kondizzjonijiet anerobiċi. Metodi ta' ttestjar li jissimulaw il-kundizzjonijiet f'ambjent anerobiku rilevanti jistgħu jintużaw ukoll biex jiddokumentaw li tkun inkisbet 60 % bijodegradabbiltà aħħarija taħt kondizzjonijiet anerobiċi (ara Appendiċi II).

Jekk ikunu disponibbli diversi riżultati tat-tossiċità, għandu jintuża l-aktar valur baxx li jkun ġie kkonfermat. Il-valuri ta' tossiċità tal-lista DID huma valuri medji li ma jistgħux jintużaw għal dan l-iskop.

Għandhom jitqiesu l-ingredjenti kollha (sustanzi u preparazzjonijiet) li jkollhom aktar minn 0.010 % skond il-piż tal-prodott finali. Dan jinkludi wkoll kull ingredjent ta' kwalunkwe preparazzjoni użat fil-formulazzjoni li jeċċedi 0.010 % skond il-piż tal-prodott finali.

5. Fwejjaħ

Kwalunkwe ingredjent miżjud mal-prodott bħala fwieħa għandu jkun ġie manifatturat, ittrattat u applikat b'konformità mal-kodiċi ta' prattika ta' l-Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Fwieħa..

Il-valutazzjoni u verifika:

Il-manifattur tal-fwieħa għandhu jippreżenta dikjarazzjoni ta' konformità ma' dan il-kriterju lill-Korp Kompetenti.

6. Żebgħa jew kuluranti

La ż-żebgħa organika u l-anqas il-kuluranti ma għandhom ikunu potenzjalment bijoakkumulanti. Fil-każ tal-kuluranti li huma approvati sabiex jintużaw fl-ikel, mhux meħtieġ li tiġi ppreżentata dokumentazzjoni dwar il-potenzjal ta' bijoakkumulazzjoni. F'dan il-kuntest, il-kulurant jew żebgħa jitqies li huwa potenzjalment bijoakkumulanti jekk il-BCF li jkun ġie imkejjeż permezz ta' esperiment jinstab li huwa ogħla minn 100. Jekk ir-riżultat tat-test għall-BCF (Fattur ta' Bijokonċentrazzjoni) ma jkunx disponibbli, il-bioakkumulazzjoni tista' titkejjeż permezz tal-logPow (koeffiċjent ta' separazzjoni fl-octanol/ilma - *log.octanol/water partition coefficient*). Jekk il-logPow ikun inqas minn 3.0, il-kulurant jitqies bħala potenzjalment bijoakkumulanti.

▼B

Il-valutazzjoni u verifika:

Il-manifattur għandu jippreżenta rapport tat-test jew ir-riżultat ippubblikat flimkien ma' referenza għall-pubblikazzjoni. Jekk iż-żebgħa jew il-kulurant ikunu ġew approvati sabiex jintużaw fl-ikel, il-manifattur għandu jippreżenta dikjarazzjoni li ssemmi dan il-fatt.

7. Bijoċidi

- a) Il-prodott jista' biss jinkludi bijoċidi biex il-prodott ikun ippreservat, u fid-dożaġġ xieraq għal dan il-għan biss. Dan ma japplikax għas-*surfactants*, li wkoll jista' jkollhom proprjetajiet bijoċidali.

Il-valutazzjoni u verifika:

Il-manifattur għandu jippreżenta kopji ta' l-Iskeda tad-Data dwar is-sikurezza tal-materjal għal kwalunkwe preservattiv miżjud, flimkien ma' tagħrif dwar il-konċentrazzjoni eżatta tiegħu fil-prodott. Il-manifattur jew fornitur tal-preservattivi għandi jipprovdi tagħrif dwar id-dożaġġ meħtieġ għall-preservazzjoni tal-prodott.

- b) Il-bijoċidi, kemm bħala parti mill-formulazzjoni kif ukoll bħala parti minn kwalunkwe preparazzjoni inkluża fil-formulazzjoni, li jintużaw biex jippreservaw il-prodott u li jissodisfaw il-kriterji għall-klassifikazzjoni mal-frażi ta' riskju R50-53 jew R51-53, b'konformità mad-Direttiva 67/548/KEE jew mad-Direttiva 1999/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾, huma permessi biss jekk ma jkunux potenzjalment bijoakkumulanti. F'dan il-kuntest, bijoċida titqies bħala potenzjalment bijoakkumulanti jekk il-fattur ta' bijokonzentrazzjoni (BCF) ikun ogħla minn 100 jew, jekk ma jkunx hemm valuri ta' BCF disponibbli, jekk il-logPow (koeffiċjent ta' separazzjoni fl-octanol/ilma) ikun ogħla minn 3.0.

Il-valutazzjoni u verifika:

Għandhom jiġu ppreżentati r-riżultati tat-testijiet għat-tossiċità ta' l-ilma. Jekk l-aktar tossiċità baxxa tkun ≤ 10 mg/l, għandu jiġi ppreżentat ir-riżultat ta' test għall-bijodegradabbiltà faċli. Jekk il-bijoċida ma jkunx faċilment bijodegradabbli, għandhom jiġu ppreżentati r-riżultati ta' testijiet għall-potenzjal ta' bijoakkumulazzjoni. Il-proċeduri tat-test huma speċifikati fid-Direttiva 67/548/KEE.

- c) Il-preservattivi ma għandhomx jirrilaxxaw sustanzi li huma klassifikati skond il-kriterju 8a.

Il-valutazzjoni u verifika:

Dikjarazzjoni kompluta u ffirmata mil-manifattur tal-bijoċida.

8. ingredjenti li huma ta' periklu għall-ambjent

Ir-reqwiziti jikkonċernaw l-ingredjenti kollha (sustanzi u preparazzjonijiet) li jkollhom aktar minn 0.010 % skond il-piż tal-prodott finali. Dan jinkludi wkoll kull ingredjent ta' kwalunkwe preparazzjoni użat fil-formulazzjoni li jeċċedi 0.010 % skond il-piż tal-prodott finali.

a) Ingređjenti kklassifikati

Ebda sustanza kostitwenti ma għandha tiġi kklassifikata bħala karċinoġenika (Carc), Mutaġenika (Mut) jew li hi tossika għar-riproduzzjoni (Rep), b'kunsiderazzjoni għar-regoli għall-awtoklassifikazzjoni fil-kategorija III.

Il-valutazzjoni u verifika:

kopji ta' l-iskedi tad-Data dwar is-Sikurezza tal-Materjal għandhom jiġu pprovdu għall-ingredjenti kollha (sew sustanzi jew preparazzjonijiet). L-applikant għandu jippreżenta dikjarazzjoni ffirmata li tkun ġiet ippreparata mill-manifattur ta' l-ingredjenti u li turi li huma konformi ma' dan il-kriterju.

⁽¹⁾ ĠU L 200, 30.07.1999, p. 1.

▼Bb) *Ingredjenti speċifikament esklużi*

L-ingredjenti li ġejjin m'għandhomx ikunu inklużi fil-prodott, sew bħala parti mill-formulazzjoni jew bħala parti ta' xi preparazzjoni inkluża fil-formulazzjoni:

— *Alkyl phenol ethoxylates* (APEOs) u derivattivi oħra ta' *l-alkyl phenol*

— NTA (*nitrilo-tri-acetate*)

— Aċidu boriku, *borates* u *perborates*

— *Nitromusks* u *polycyclic musks*

Il-valutazzjoni u verifika:

Għandha tiġi ppreżentata dikjarazzjoni kompluta u ffirmata mil-manifattur tal-bijoċida.

c) *Ingredjenti speċifikament esklużi*

Ethylenediaminetetraacetate (EDTA) u l-impluħ tiegħu u *phosphonates* li mhumiex faċilment bijodigradabbli jistgħu jiżdedu biss mas-sapun solidu u sa kontenut massimu ta' 0.6 mg/g AC biss.

Il-valutazzjoni u verifika:

Għandha tiġi ppreżentata dikjarazzjoni kompluta u ffirmata mill-manifattur tal-bijoċida.

9. Pakkeġġara) Ir-Relazzjoni ta' Piż/Kontenut (WCR – *Weight/Content Relationship*) għandha tkun inqas minn 0.30 g ta' ppakkeġġar għal kull gramma tal-prodott, u tinħadem hekk:

$$WCR = \sum((W_i + N_i)/(D_i \times r))$$

Fejn;

W_i = il-piż (fi grammi) tal-komponent ta' ppakkeġġar i (dan japplika għall-ippakkeġġar primarju u dak sekondarju wkoll), inkluż kwalunkwe tikketti.

N_i = il-piż (fi grammi) tal-komponent ta' ppakkeġġar li jiġi mill-materja prima u mhux minn sorsi riċiklati (dan japplika għall-ippakkeġġar primarju u dak sekondarju wkoll). Jekk il-komponent ta' ppakkeġġar ma jkunx fih materja riċiklata, allura $N_i = W_i$.

D_i = il-piż (fi grammi) tal-prodott kontenut fil-komponent ta' ppakkeġġar.

r = in-numru ta' Ritorn, i.e. l-għadd ta' drabi li l-komponent ta' ppakkeġġar i jintuża għall-istess skop permezz ta' sistema ta' ritorn u mili mill-ġdid (jekk ma jkunx speċifikat mod ieħor, $r = 1$ jekk ma jsirx użu mill-ġdid).

Jekk l-ippakkeġġar jerġa' jintuża, r tiġi stabbilita bħala 20 għall-materjali plastiċi u bħala 10 għall-kartun korrugat, sakemm l-applikant ma jkunx jista' juri numru akbar.

Il-valutazzjoni u verifika:

Preżentazzjoni tal-kalkolu tal-WCR.

b) *Tikkettar ta' l-ippakkeġġar*

Sabiex ikunu jistgħu jiġu identifikati l-partijiet differenti ta' l-ippakkeġġar għar-riċiklaġġ, il-partijiet ta' materjal plastiku ta' l-ippakkeġġar primarju għandhom jiġu mmarkati skond il-Parti 2 tad-DIN 6120 jew l-ekwivalenti. Dan ir-rekwiżit mhuwiex meħtieġ għall-għeluq u pompi tal-kontenituri.

Il-valutazzjoni u verifika:

Dikjarazzjoni kompluta u ffirmata.

Kampjun ta' ppakkeġġar primarju.

▼ Bc) *Dożaġġ*

L-ippakkeġġar għandu jkun iddiżinjat b'mod li d-dożaġġ korrett ikun faċli li jsir, pereżempju billi jiżgura li l-ftuħ fil-wieċ ma jkunx wiesa' ż-żejjed.

Il-valutazzjoni u verifika:

Deskrizzjoni tal-mezz ta' dożaġġ.

d) L-ippakkeġġar ma għandux ikollu addittivi abbażi tal-Kadmju jew Merkurju jew taħlitiet li jinkludu dawn l-elementi, u lanqas addittivi li ma jissodisfawx il-kriterju 8.

Il-valutazzjoni u verifika:

Dikjarazzjoni mill-produttur ta' l-ippakkeġġar.

10. Dispożizzjoni għal użu

Id-dispożizzjoni għall-użu tal-prodott għandha tintwera jew permezz ta' test(ijiet) li jsiru fil-laboratorji jew permezz ta' test tal-konsumaturi.

It-test għandu jsir b'konformità mal-linji ta' gwida mniżżla fl-Appendiċi I dwar l-itestjar għall-effiċjenza tal-prodott.

Il-valutazzjoni u verifika:

Rapport minn test li sar f'laboratorju jew minn test tal-konsumaturi li jixhed effiċjenza sodisfaċenti.

11. Informazzjoni li tidher fuq l-ekotikketta

B'konformità ma' l-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1980/2000, Kaxxa 2 ta' l-ekotikketta għandha tinkludi t-test li ġej:

- “* Impatt minimu fuq ekosistemi akwatiċi
- * jissodisfa rekwiżiti stretti ta' bijodegradibbiltà
- * jillimita l-ħela ta' ppakkeġġar”

Il-valutazzjoni u verifika:

L-applikant għandu jipprova kampjun ta' l-ippakkeġġar tal-prodott li juri t-tikketta, flimkien ma' dikjarazzjoni ta' konformità ma' dan il-kriterju.

*L-Appendiċi I***Linji ta' gwida għat-test tar-rendiment**

L-effiċjenza tar-rendiment tal-prodott tista' tintwera jew permezz ta' test(ijiet) li jsiru fil-laboratorji jew permezz ta' test tal-konsumaturi. Jekk jintuża test f'laboratorju, it-test tal-produttur stess ikun aċċettabbli. Madankollu, l-applikant għandu juri li t-test jindika kejl tar-rendiment tal-prodott.

Jekk jintuża test tal-konsumaturi, dan għandu jsegwi dawn il-linji ta' gwida:

Test tal-konsumaturi għandu jinkludi mill-anqas 10 min-nies. Il-konsumaturi għandhom jiġu mistoqsija dwar l-effiċjenza tal-prodott meta mqabbel ma' prodott ewlieni fis-suq. Mill-anqas, il-mistogsijiet li jsiru lill-konsumaturi għandhom ikopru dawn l-aspetti:

1. X'rendiment għandu l-prodott meta mqabbel mal-prodott ewlieni fis-suq?
2. Kemm huwa faċli li tapplika d-dożaġġ mixtieq tal-prodott meta mqabbel mal-prodott ewlieni fis-suq?
3. Kemm huwa faċli li tapplika l-prodott fuq ix-xagħar u/jew ġilda meta mqabbel mal-prodott ewlieni fis-suq?

Mill-anqas 80 % tal-konsumaturi għandhom ikunu mill-anqas dagstant sodisfatti bil-prodott daqs kemm bil-prodott ewlieni fis-suq.

*L-Appendiċi II***Dokumentazzjoni dwar il-bijodegradibbiltà anerobika**

Fil-każ ta' kwalunkwe ingredjenti li mhumiex inklużi fil-lista DID, jista' jintuża l-metodu ta' hawn taħt sabiex tiġi pprovduta d-dokumentazzjoni meħtieġa dwar il-bijodegradibbiltà anerobika.

Estrapolazzjoni b'manjera raġonevoli. Għandhom jintużaw ir-riżultati ta' testijiet li jkunu saru fuq materja prima waħda sabiex jiġi estrapolat il-valur tal-bijodegradibbiltà anerobika ta' *surfactants* li jkunu relatati strutturalment. Jekk il-valur ta' bijodegradibbiltà anerobika ta' *surfactant* (jew ta' xi grupp ta' *homologues*) skond il-lista DID ikun ġie kkonfermat, wieħed jista' jassumi li tip ta' *surfactant* li jkun simili (pereżempju, C12-15 A 1-3 EO *sulphate* (DID Nru 8) huwa anerobikament bijodegradabbli wkoll, u wieħed jista' jassumi li l-istess bijodegradibbiltà anerobika tapplika wkoll għal C12-15 A 6 EO *sulphate*). Jekk il-valur ta' bijodegradibbiltà anerobika ta' *surfactant* ikun ġie kkonfermat permezz ta' test xieraq, wieħed jista' jassumi li tip ta' *surfactant* li jkun simili huwa anerobikament bijodegradabbli wkoll (pereżempju, dokumentazzjoni xjentifika li tikkonferma l-bijodegradibbiltà anerobika ta' *surfactants* tal-grupp *alkyl ester ammonium salts* tista' tintuża bħala dokumentazzjoni għall-bijodegradibbiltà anerobika simili ta' imlieh ta' *quaternary ammonium* li jkun fihom *ester-linkages fl-alkyl chain(s)*).

Screening test għall-bijodegradibbiltà anerobika. Jekk ikun meħtieġ l-ittestjar mill-ġdid, għandu jsir *screening test* permezz ta' l-użu ta' l-OECD 311, ISO 11734, ECETOC Nru. 28 (Ġunju 1988) jew xi metodu ekwivalenti.

Low dosage test għall-bijodegradibbiltà. Jekk ikun meħtieġ l-ittestjar mill-ġdid, u fil-każ li jkun hemm xi problemi waqt l-*iscreening test*, (pereżempju, inibizzjoni kkawżata mit-tossiċità tas-sustanza li tkun qed tiġi ttestjata), għandu jsir l-istess test għal darb'oħra iżda b'dożaġġ baxx tas-*surfactant* u b'monitoraġġ tad-degradazzjoni permezz ta' kejl tal-valur tal-14C jew permezz ta' analiżi kimika. L-ittestjar b'dożaġġ baxx jista' jsir permezz ta' l-użu ta' l-OECD 308 (24 ta' April 2002) jew ta' xi metodu ekwivalenti basta jiġu applikati kundizzjonijiet anerobiċi stretti. L-ittestjar u l-interpretazzjoni tar-riżultati tiegħu għandhom isiru minn espert indipendenti.